MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1712/1997/1

**Anthony Fabri ghall-Untours Insurance (Agents Brockers) Ltd u din ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Josephine Williams**

**vs**

**Charlene Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur nomine s-somma ta' Lm157.37,0 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrento bl-opra ta' periti nominandi) danni li kellu jaghmel parti ghalihom l-attur noe minhabba polza ta' assikurazzjoni favur Josephine Williams u dana in segwitu ghal habta li grat fis-26 ta' Novembru 1996 fil-Gzira bejn car Nru J-4281 misjuqa minn Josephine Williams u car

nru O-6883 misjuqa mill-konvenuta. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta u li biha eccepiet (a fol 4 tal-atti) illi hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz fl-ismijiet premessi stante li ghal din il-habta de quo, kienet unikament responsabbli Josephine Williams (J-4281) waqt li Charlene Vassallo ma kisret ebda regolament tat-traffiku.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, l-ewwel nett, issir referenza ghall-iskizz esebit in atti (fol 24) minn PS 16 Martin Cordina (fol 20 et seq ibid) u dan in konnessjoni mal-lokalita' tal-incident. In rigward dan, ghandu jinghad li meta l-istess incident stradali kien sehh, ma kienetx ghadha giet istallata s-sistema ta' dawl tat-traffiku madwar, u fil-vicinanzi, tar-"round about" hemm murija u li tissema mill-partijiet involuti fl-istess kollissjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-assikurata tal-attur nomine, Josephine Williams (fol 13 u 29 et seq ibid) spjegat li l-incident in esami gara vicin l-imsemmija "round about". Difatti, hi kienet qed issuq mid-direzzjoni ta' San Giljan f'dik il-parti ghan-nizla tat-triq maghfura bhala "Regional Road" sabiex iddur mal-istess "round about" u tkompli issuq fid-direzzjoni tal-Imsida. Qabel ma dahlet fl-istess "round about" sabiex iddur maghha, hi waqfet mal-istrixxa tan-nofs sabiex tara jekk hemmx karozzi ohra jduru mar-round about u dan

minhabba li, hemm , jinsab sinjal ta' "give way" vis-à-vis vetturi li qed jduru mar-"round about". Minn hawnhekk , kif ghaddiet quddiem it-triq li taghti ghal Gzira u kienet sejra "ghad-dritta tar-Regional Road", hi qalghet daqqa "bejni … u r-round about li semmejt" "minn nofs il-bieba tieghi lura". Jigi notat li hi sostniet li "Dejjem kont fuq il-lane ta' mas-central strip."

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 26 et seq ibid) da parti taghha sostniet li hi kienet gejja mill-istess direzzjoni bhax-xhud precedenti fuq l-"outer lane" u ser iddur mar-roundabout sabiex tmur lejn San Gwann. Kif waslet hemmhekk, hi waqfet dejjem fuq l-"outer lane" waqt li rat il-vettura l-ohra, ftit il-boghod u niezla fuq il-"lane" ta' gewwa. Wara li l-konvenuta bdiet timxi u waslet fuq l-istess "round about" l-"car" l-ohra …. qisha qed taqlani u ramitni mar-roundabout". Hawnhekk saret il-habta u Josephine Williams qaltilha "tort tieghi….". Dwar din l-istess Josephine Williams spjegat illi kienet qalet dan il-kliem sabiex titlaq malajr minn fuq il-post ghax "mghaggla" (ara ukoll ix-xhieda ta' Stefan Gauci passiggier mal-konvenuta a fol 32 u 55 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-versjonijiet kif sottomessi mill-partijiet involuti f'dan il-kaz li minn fejn jidher li wahda ipprovat titfa' t-tort ta' dan l-incident fuq l-ohra, jkun opportun sabiex l-istess provi jigu esaminati sabiex wiehed jara jekk l–attur nomine ipprova dak li gie allegat minnu fil-konfront tal-konvenuta u dan fuq basi ta' probabilta'. F'kaz bhal dak in esami, wiehed ghandu jara jekk hemmx provi, oggettiva u indipendenti mill-partijiet involuti, "li tghin sabiex wiehed jista' jasal ghal din il-konkluzjoni". Difatti tali prova ma tesistix, u difatti, il-versjoni moghtija min kull parti tidher ugwalment probabbli anke jekk jigu konsiderati d-danni risultanti u kawzati fuq iz-zewg vetturi. Ghandu jinghad li l-Qorti ma setghetx tinjora dak li intqal minn Josephine Williams "a caldo" wara l-istess incident (ara fol 26 paragrafu 7 u fol 29 ibid).

Illi ghalhekk ma jistghux jigu akkolti t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta tichad t-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

---------------------------------TMIEM---------------------------------